# Xogħlijiet ta' Giuseppe Calì fir-Rotunda



minn Mario FENECH

Meta l-Mostin lestew ix-xogħol tal-bini tar-Rotunda, bdew jaħsbu biex jaraw li din il-knisja monumentali ddedikata lill-Assunta tiġi mżejna b'dawk l-opri li jkun jixirqilha. Wara li ħadu ħsieb li jarmaw il-knisja bl-aktar oġġetti meħtieġa, ħasbu biex jibdew jiddekoraw il-ħitan bil-kwadri u l-pittura.

Huma għażlu lill-artist Giuseppe Calì u l-ewwel xogħol li għamel fir-Rotunda kien il-kwadru tal-Madonna tar-Rużarju, kwadru li lestieh f'Marzu ta' l-1870. Dan kien l-ewwel xogħol reliġjuż li għamel tul il-karriera brillanti tiegħu mifruxa fuq 55 sena.

Għaxar snin wara huwa għamel l-abside tal-kor fejn permezz tal-pniezel tiegħu ppreżenta l-Inkurunazzjoni tal-Madonna. Ma kinitx ħaġa faċli li jagħmel dan ix-xogħol minħabba l-mod li bih huwa mibni dan l-abside. Solva din il-problema billi kkonċentra l-persunaġġi tax-xena fuq il-ġnub tal-ħajt fejn kellu aktar spazju biex jesprimi ruħu b'mod aħjar. Dan ix-xogħol tlesta fis-sena 1880.



*Il-kwadru tal-Madonna tar-Rużarju – l-ewwel xogħol ta' Giuseppe Calì fil-knejjes Maltin.*

Fl-istess żmien, Calì kien qiegħed jagħmel numru ta' kwadri għall-knisja tas-Sacro Cuor f'tas-Sliema u għamel ukoll l-abside tal-kor tal-knisja ta' Sant'Elena f'Birkirkara. Kien eżatt wara li spiċċa dan ix-xogħol f'Birkirkara li Calì reġa' mar lura l-Mosta biex ipitter ħames kwadri kbar - erba' minnhom fuq it-tila, li tnejn minnhom tpoġġew mal-ġnub ta' l-artal tal-Madonna taċ-Ċintura. Fihom naraw il-mewt qaddisa ta' Santu Wistin u d-dehra ta' l-Anġlu lil Santa Monika. Il-ħila ta' l-artist f'dawn ix-xogħlijiet tidher bil-mod li bih qiegħed jiġi ppreżentat id-dawl fiċ-ċentru tal-kwadru ta' Santu Wistin u l-espressjoni ta' Santa Monika għad-dehra ta' l-Anġlu.

Fit-tlett kwadri l-oħra huwa pitter l-Annunzjata, wieħed minn sett ta' kwadri li qegħdin fl-ispazji ta' bejn il-lunetti, lil Santa Katerina u lil San Duminku qiegħed jippriedka. Dawn iż-żewġ kwadri tpoġġew fil-ġnub ta' l-artal tal-Madonna tar-Rużarju.

Wara dan ix-xogħol, Calì għamel xi żmien jaħdem fi knejjes oħrajn u ma tantx kellu l-ħajra li jmur ikompli xogħlu fil-Mosta. Dan ġara wara inċident sfortunat li kellu darba waħda meta kien fi triqtu lejn il-Mosta minn Ħal-Lija, xi ħallelin qabżu fuqu, serqulu l-arloġġ tad-deheb li kellu fuqu u xi flus. Kellhom jgħaddu diversi snin biex Calì reġa' mar lura jaħdem fir-Rotunda.

Waqt dan il-perijodu li għamel nieqes mill-Mosta, huwa kellu f'moħħu li xi darba jpitter l-koppla minn ġewwa bi preżentazzjoni kolossali tal-Ġudizzju Universali, il-Purgatorju, l-Infern u l-Ġenna. Dan il-ħsieb sfortunatament ma setgħax iseħħ għaliex il-koppla ġiet iddekorata b'mod ieħor li għalkemm huwa xogħol mill-isbaħ, żgur li ma jilħaqx il-livell li kien ser jilħaq Calì bil-pittura tiegħu. Biżżejjed wieħed jara x-xogħol li kien għamel ftit taż-żmien qabel fil-koppla tal-knisja tas-SSMU. Salvatur f'Ħal-Lija, fejn il-koppla hija mibnija mingħajr flieli bħal dik tal-Mosta. Dan ix-

xogħol ta' dekorazzjoni tal-koppla kien sar bejn is-snin 1929 u l-1936.

Ix-xogħlijiet li kompla jagħmel Calì kienu t-tmien lunetti li fihom fost l-oħrajn naraw id-daħla trijonfali ta' Ġesù f'Ġerusalemm, Marija Madalena qed taħsel saqajn Ġesù u x-xena ta' Ġesù qiegħed jiddiskuti mad-Dutturi. Dawn il-lunetti Calì pinġihom fuq il-ħajt (affreski) u fin-naħa t'isfel tagħhom l-artist inkluda l-figuri tal-Profeti. Dawn il-Profeti, Calì pittirhom bil-qegħda fuq tron tal-ġebel ippreżentat b'mod li qiesu maqlugħ 'il barra mill-ħajt.

Aktar minn hekk, l-artist uża d-dellijiet skond kif suppost jidhru fil-post li jinsabu fih fil-knisja. Hawnhekk wieħed bilfors jinduna kemm kien kbir il-ħsieb ta' dan l-artist meta kien jiġi biex jesprimi dak li kien ikollu f'moħħu waqt li kien ikun qiegħed jesegwixxi x-xogħol tiegħu.

Dawn kienu l-aħħar xogħlijiet artistiċi li għamel Calì fir-Rotunda tal-Mosta. Xogħlijiet sbieħ li jkomplu jsebbħu dan is-Santwarju Marjan li fih jidħlu matul is-sena eluf ta' turisti li jiġu minn madwar id-dinja kollha u jmorru lura lejn pajjiżhom jirrakkontaw kemm opri sbieħ raw f'din il-knisja li l-Mostin b'tant għożża u sagrifiċċji bnew u ddekoraw f'ġieħ Marija Assunta.

*Tas-Sliema, 05 ta' Mejju, 2001.*

MELLOWS
café
Pjazza Rotunda, Mosta

OLYMPIC
BAR & RESTAURANT
TAX-XUFI
47 Constitution Street, Mosta Tel: 432067
*Jawguraw l-Festa t-Tajba*
*lil kulħadd*